MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Numru. 67/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Jurgen Xerri**

**Illum 28 ta’ Jannar tas-sena 2009**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Jurgen Xerri ta’ tletin (30) sena iben Carmelo u Mary nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ nhar id-19 ta’ Dicembru ta’ l-1978 u residenti gewwa l-fond numru 11, Tulip, Triq Balbi, Marsa

u li huwa detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 151479(M);

Talli nhar is-26 ta' Jannar tas-sena 2009 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.):

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBE-353 ta' ghamla Subaru li kienet ipparkjata fi Triq ix-Xwieni, Marsa, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1) (a), 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270 u 271 (g) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazjoni FBE 353 ta' l-ghamla Subaru, liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax-il Ewro (€116) ekwivalent ghal hamsin Lira Maltin (LM50) izda inqas minn elf mija u tnejn u sittin Ewro (€1162) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-dannu ta' Gilbert Casha minn Marsaskala u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. B'hekk kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell (Malta);

4. B'hekk sar jitqies recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Issibu hati;

Rat l-artikoli 41 (1) (a), 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271 (g), 287(1) (2) (3), 279 (a), 280, 281(b), 325(a), 49, 50, 31 (1) (b) (viii) (vii) ilkoll tal-Kapitolu 9;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz; il-fedina penali kospikwa ta’ l-imputat; il-fatt li hu dizokkupat u bla mezzi u ilu hekk ghal zmien twil minghajr ma tintwera xi hegga li jbiddel din ir-rotta; u l-fatt li hu tossiko-dipendenti u dan, nonostante diversi tentattivi ghar-riabilitazzjoni li lkoll fallew, tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u sitt xhur mil-lum;

Tiehu pero` din l-opportunita` li tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva li peress li l-imputat hu tossiko-dipendenti ghandu xorta wahda jinghata l-opportunita` ghar-riabilitazzjoni billi jigi ezaminat minn min hu dovut biex ikun jista’ jigi ghal darb’ohra stradat fit-triq tar-riabilitazzjoni mit-tossikodipendenza, li hi l-uniku u l-ahjar rimedju riformattiv possibbli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------